32000R0813

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 813/2000

tas-17 ta' April 2000

li jissupplimenta l-Anness mar-Regolament tal-Kummissijoni (KEE) Nru 1107/96 dwar ir-reġistrazzjoni ta' l-indikazzjonijiet ġeografiċi u denominazzjoni ta' l-oriġini skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 17 tar-Regolament (KEE) Nru 2081/92

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2081/92 ta' l-14 ta' Lulju 1992 dwar il-protezzjoni ta' l-indikazzjonijiet ġeografiċi u denominazzjoni protetta ta' l-oriġini għall-prodotti u l-oġġetti ta' l-ikel agrikoli [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 17(2) tiegħu,

Billi:

(1) Kien mitlub tagħrif addizzjonali dwar ċerti ismijiet innotifikati mill-Istati Membri skond l-Artikolu 17 tar-Regolament (KEE) Nru 2081/92 sabiex jiġi żgurat li jħarsu l-Artikoli 2 u 4 ta' dan ir-Regolament. Dan it-tagħrif addizzjonali juri illi l-ismijiet iħarsu dawn l-Artikoli. Għandhom għalhekk jiġu rreġistrati u miżjuda fl-Anness mar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1107/96 [2].

(2) Il-Kumitat ipprovdut fl-Artikolu 15 tar-Regolament (KEE) Nru 2081/92 ma tax opinjoni favorevoli,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-ismijiet fl-Anness ma' dan ir-Regolament huma hawnhekk miżjuda fl-Anness mar-Regolament tal-Kummissijoni (KEE) Nru 1107/96.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, fis-17 ta' April 2000.

Għall-Kunsill

Il-President

L. CAPOULAS SANTOS

---

[1] ĠU L 208, ta' l-24.7.1992, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1068/97 (ĠU L 156, tat-13.6.1997, p. 10).

[2] ĠU L 148, tal-21.6.1996, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (EC) Nru 1070/1999 (ĠU L 130, tas-26.5.1999, p. 18).

ANNESS

"IL-PRODOTTI L-OĦRA ELENKATI FL-ANNESS I MAT-TRATTAT

Il-Ħall (għajr għall-ħall mill-inbid)

L-ITALJA

— *Aceto balsamico tradizionale di Modena (DPO)*

— *Aceto balsamico tradizionale di Reggio Emilia (DPO)*"